

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Okręgowy w Warszawie (il-Polonja)
fit-28 ta' Ottubru 2021 – LM vs KP**

(Kawża C-654/21)

(2022/C 64/22)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Qorti tar-rinviju

Sąd Okręgowy w Warszawie

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: LM

Konvenut: KP

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 124(d) moqri flimkien mal-Artikolu 128(1) tar-Regolament Nru 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trade mark tal-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾, għandu jinftiehem fis-sens li t-terminu "kontrotalba għal dikjarazzjoni ta' invalidità" li jinsab f'dawn id-dispożizzjonijiet għandu jfisser talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità esklużivament sa fejn din tkun relatata mal-pretensjoni tar-rikorrent dwar ksur tat-trade mark tal-Unjoni, b'tali mod li l-qorti nazzjonali ma tiħux konjizzjoni tal-kontrotalba għal dikjarazzjoni ta' invalidità li jkollha portata usa' minn dik relatata mal-pretensjoni tar-rikorrent dwar il-ksur?
- 2) L-Artikolu 129(3) tar-Regolament (UE) Nru 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal 14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trade mark tal-Unjoni Ewropea, għandu jinftiehem fis-sens li d-dispożizzjoni msemmija, li tirrigwarda "regoli ta' proċedura li jirregolaw l-istess tip ta' azzjoni fir-rigward ta' trade mark nazzjonali", tirreferi għal regoli proċedurali nazzjonali li jkunu applikabbli fi proċedimenti speċifiċi dwar ksur tad-dritt tat-trade mark tal-Unjoni (kif ukoll ta' proċedimenti ta' kontrotalba għal dikjarazzjoni ta' invalidità), jew tirreferi ukoll b'mod ġenerali għal regoli proċedurali nazzjonali preżenti fl-ordinament ġuridiku tal-Istat Membru, li huwa rilevanti fejn, fid-dawl tad-data ta' tressiq ta' proċedimenti speċifiċi għal ksur tad-dritt tat-trade mark tal-Unjoni, ir-regoli proċedurali dwar azzjonijiet ta' kontrotalba għal dikjarazzjonijiet ta' invalidità ta' trade mark relatati ma' trade marks nazzjonali ma kinux jeżistu fl-ordinament ġuridiku tal-Istat Membru?

⁽¹⁾ ĠU 2017, L 154, p. 1

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Vrhovno sodišče Republike Slovenije (is-Slovenja)
fil-5 ta' Novembru 2021 – NEC PLUS ULTRA COSMETICS AG vs Ir-Repubblika tas-Slovenja**

(Kawża C-664/21)

(2022/C 64/23)

Lingwa tal-kawża: is-Sloven

Qorti tar-rinviju

Vrhovno sodišče Republike Slovenije

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: NEC PLUS ULTRA COSMETICS AG

Konvenuta: Ir-Repubblika tas-Slovenja.

Domanda preliminari

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ⁽¹⁾, b'mod partikolari l-Artikolu 131 u l-Artikolu 138(1), kif ukoll il-prinċipji tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-prinċipji ta' newtralità fiskali, ta' effettività u ta' proporzjonalità, jipprekludu leġislazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi l-produzzjoni jew il-ġbir ta' provi ġodda, li jistabbilixxu li r-reqwiżiti sostantivi previsti fl-Artikolu 138(1) tad-Direttiva tal-VAT huma ssodisfatti, diġà matul il-proċedura amministrattiva tal-ewwel livell, jiġifieri fl-osservazzjonijiet dwar il-proċess verbali tal-kontroll fiskali li jinħareġ qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni tat-taxxa?

⁽¹⁾ ĠU 2006, L 347, p. 1, bir-rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Judicial da Comarca do Porto – Juízo Central Cível da Póvoa de Varzim – il-Portugall) fid-9 ta' Novembru 2021 – Gencoal S.A. vs Conceito Norte – Consultadoria de Gestão, Lda., BT

(Kawża C-669/21)

(2022/C 64/24)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Qorti tar-rinviju

Tribunal Judicial da Comarca do Porto – Juízo Central Cível da Póvoa de Varzim

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Gencoal S.A.

Konvenut: Conceito Norte – Consultadoria de Gestão, Lda., BT

Domanda preliminari

Sa fejn l-Artikolu 31(1) u (4) tad-Digriet Irjali [Spanjol] Nru 1624/1992 tad-29 ta' Diċembru [1992] dwar ir-Regolament tal-VAT Spanjol, kif ukoll l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/9/KE tat-12 ta' Frar 2008 li tistabbilixxi regoli dettaljati għar-rifużjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud, prevista fid-Direttiva 2006/112/EC, għal persuni taxxabli mhux stabbiliti fl-Istat Membru ta' rifużjoni iżda stabbiliti fi Stat Membru ieħor ⁽¹⁾ jipprevedu, fl-ewwel każ, li t-terminu għat-tressiq ta' talba għal rimbors tal-VAT mill-impreduturi jew bejjieġha jew fornituri li ma humiex stabbiliti fit-territorju ta' applikazzjoni tal-VAT iżda li huma stabbiliti fil-Komunità [Unjoni Ewropea] jibda jiddekorri [mill-jum] ta' wara dak ta' tmiem kull trimestru jew sena kalendarja u jintemm fit-30 ta' Settembru ta' wara s-sena kalendarja li fiha t-taxxi msemmiha jkunu tħallsu u, fit-tieni każ, li t-talba għal rimbors għandha titressaq lill-Istat Membru ta' stabbiliment sat-30 ta' Settembru tas-sena kalendarja sussegwenti għall-perijodu ta' rimbors, dawn l-artikoli jiksru l-prinċipju ta' newtralità fiskali (b'konsegwenzi fuq il-livell ta' newtralità kompetittiva u tal-prinċipju ta' ugwaljanza b'rabta mal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni) li jirriżulta mis-sistema komuni ta' VAT misluta mill-premessi 4, 5 u 7 u mill-Artikoli 167, 170, 171 u 178 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ⁽²⁾, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2008/8/KE tat-12 ta' Frar 2008 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tal-post tal-forniment ta' servizzi ⁽³⁾, kif ukoll mid-dritt fundamentali stabbilit fl-Artikolu 41(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea?

⁽¹⁾ ĠU 2008, L 44, p. 23.

⁽²⁾ ĠU 2006, L 347, p. 1, u rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60.

⁽³⁾ ĠU 2008, L 44, p. 11.